



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.2.2006
KUMM(2006) 77 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL EWROPEW

L-implimentazzjoni tas-sħubija mġedda għat-tkabbir u l-impjiegi

L-iżvilupp ta' xempju ta' l-għarfien: L-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija

Taqisira Eżekuttiva

Il-proposta biex jiġi stabbilit Istitut Ewropew tat-Teknoloġija tressqet fl-2005, waqt ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' l-Istrateġija ta' Liżbona. Hija ġiet żviluppata aktar fuq il-bażi ta' konsultazzjoni pubblika li ġibdet medda wiesgħa ta' kontributi siewja.

Għalkemm fi snin reċenti tnedew ħafna inizjattivi fuq livelli nazzjonali u ta' l-UE biex isaħħu l-kapaċitajiet tas-setturi ta' l-edukazzjoni oġġla, tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni, u r-rabtiet bejniethom, għad hemm ħafna xi jsir. L-Ewropa għadha ma waslitx li ssarraff ir-riżultati ta' l-R&D (Riċerka u Żvilupp) f'opportunitajiet kummerċjali, li tiżviluppa konċentrazzjoni ta' riżorsi umani, finanzjarji u fiżiċi fir-riċerka u l-edukazzjoni oġġla, li tippromwovi kultura ta' innovazzjoni u intraprenditorija fir-riċerka u l-edukazzjoni, kif ukoll li twaqqaf mudelli organizzattivi ġodda adattati għall-ħtiġijiet ta' llum.

L-EIT (Istitut Ewropew tat-Teknoloġija) se jkun operatur ta' l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Huwa se jkun mibni b'mod li jgħaqqad flimkien dawn it-tliet oqsma, li bejniethom iżommu l-imfietaħ għal soċjetà ta' l-għarfien. Huwa se jaħdem biex jiġbed lejha u jżomm l-aħjar talenti fl-istudenti, riċerkaturi u persunal fl-Ewropa, biex jaħdmu spalla ma' spalla man-negozju fl-avangwardja fl-iżvilupp u l-isfruttament ta' l-għarfien u r-riċerka, u biex itejjeb il-ħiliet ta' l-immaniġġjar fir-riċerka u l-innovazzjoni b'mod ġenerali.

B'mod partikolari, huwa se jkun imfassal:

- Biex jintegra timijiet minn universitajiet, ċentri ta' riċerka u kumpaniji fl-istruttura u l-ħidmiet tiegħu;
- Biex ikollu riżorsi ssekondati (mhux sempliċiment f'network) minn organizzazzjonijiet eżistenti biex dawn isiru legalment parti mill-EIT u jkunu jistgħu jiżviluppaw flimkien strateġija integrata;
- Biex ikollu Bord ta' l-Amministrazzjoni indipendenti li jġedded lilu nnifsu u li jinħatar minn ħdan l-oġġla livelli ta' komunitajiet xjentifiċi u tan-negozju;
- Ma jkunx imrażżan mill-konfini u l-ostakli li fil-preżent jikkontribwixxu biex ikissru biċċa biċċa l-edukazzjoni oġġla u r-riċerka Ewropea.

Huwa se jgħodq valur miżjud bi tliet modi:

- Huwa se joffri lis-settur privat relazzjoni ġdida ma' l-edukazzjoni u r-riċerka. Dan se jgħodq opportunitajiet ġodda għall-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka u skambju eqreb fiż-żewġ direzzjonijiet. L-integrazzjoni ta' timijiet minn universitajiet, ċentri tar-riċerka u kumpaniji, se jagħtuh vantaġġ fuq universitajiet organizzati b'mod tradizzjonali, fejn ir-rabtiet esterni huma xi ħaġa miżjuda. Huwa se jipprovi wkoll opportunitajiet biex jattira ffinanzjament privat għall-EIT.
- Huwa se jikkonċentra fuq it-tagħqid tat-tliet lati tat-trijangolu ta' l-għarfien – l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Huma se jkunu marbuta b'mod inseparabbli, minħabba l-għamla ta' l-EIT u t-taħlita tiegħu ta' msieħba. Dan se jindirizza l-attivitajiet tiegħu lejn direzzjonijiet ġodda u aktar produttivi.

- Huwa se jirrappreżenta konċentrazzjoni ta' riżorsi, biex b'hekk ikun kapaċi jilħaq l-ogħla standards mil'huqqa band'oħra.

It-twaqqif ta' l-EIT se jeħtieġ l-adozzjoni ta' strument legali, li l-Kummissjoni se tipproponi aktar tard fl-2006 (flimkien ma' valutazzjoni estensiva ta' l-impatt). Dan se jagħti lill-EIT il-personalità legali tiegħu u l-indipendenza mir-regolamentazzjoni nazzjonali. Huwa se jipprovdi l-qafas li jippermetti amministrazzjoni xierqa u l-kontabbiltà meħtieġa lill-istituzzjonijiet ta' l-UE.

Il-finanzjament se jsir minn sorsi differenti li jinkludu l-UE, l-Istati Membri u l-komunità tan-negozju.

1. INTRODUZZJONI

It-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni – u speċifikament il-kontribut tagħhom għat-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali – huwa fundamentali għat-titjib tal-kompetittività fl-UE. Hija perċezzjoni komuni illi fl-Ewropa, din ir-relazzjoni ma taħdimx tajjeb daqs kemm suppost; u din il-perċezzjoni wasslet lill-Kummissjoni li tippreżenta inizzjattiva ġdida fir-Rapport tar-Rebbiegħa 2005 tagħha:

“Sabiex issaħħaħ l-impenn tagħna lejn l-għarfien bħala muftieħ għat-tkabbir, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta’ “Istitut Ewropew tat-Teknoloġija” biex jaġixxi ta’ pol ta’ għida għall-aħjar fost l-aħjar imħuħ, ideat u kumpaniji minn madwar id-Dinja”¹.

Il-Kunsill Ewropew ħa nota ta’ din il-proposta fil-laqgħa għolja tar-Rebbiegħa 2005. F’Ottubru 2005, fil-laqgħa informali f’Hampton Court, huwa għamel sejħa għal azzjoni urġenti biex tinkiseb eċċellenza ta’ klassi dinjija kemm fir-riċerka u kemm fl-edukazzjoni. Il-ħtieġa ta’ azzjoni biex issaħħaħ il-kwalità tas-sistemi ta’ innovazzjoni Ewropej waqt li tinżamm il-kompetittività fuq ix-xena mondjali hija dokumentata aktar fir-Rapport Annwali tal-Progress dwar l-Istrateġija għat-Tkabbir u l-Impjiegi 2006 tal-Kummissjoni².

Din il-Komunikazzjoni tadotta l-idea ta’ Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT). Din issegwi minn konsultazzjoni pubblika wiesgħa, li fiha ħadu sehem l-aktar organizzazzjonijiet importanti ta’ l-innovazzjoni universitarji, tar-riċerka, tan-negozju u industrijali, flimkien ma’ għadd kbir ta’ individwi minn kull wieħed minn dawn l-oqsma. Hija tagħti deskrizzjoni ta’ kif jista’ jaħdem l-EIT, u l-mod kif għandu jiġi żviluppat. Valutazzjoni aktar dettaljata ta’ l-impatt u mwessgħa biex tinkludi eżami sħiħ ta’ l-implikazzjonijiet legali u finanzjarji se ssir aktar tard din is-sena.

2. SUĊĊESS PERMEZZ TAT-TRIANGOLU TA’ L-GĦARFIEN – KAŻ TA’ INIZJATTIVA ĠDIDA

Matul l-2005, il-Kummissjoni organizzat proċess konsultattiv komprensiv dwar EIT futur, permezz ta’ laqgħat ta’ skambju ta’ ideat u dokumenti ta’ pożizzjoni minn organizzazzjonijiet universitarji, tar-riċerka u ta’ l-innovazzjoni. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika huma ppreżentati u analizzati fid-dettall f’dokument separat ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni³. Huma jkopru kwistjonijiet bħall-missjoni u l-għanijiet ta’ l-EIT, l-istruttura u l-prijoritajiet tagħha.

Kien hemm qbil ġenerali li l-isfida tal-qalba li kellha tħabbat wiċċha magħha l-UE fil-qasam ta’ l-innovazzjoni tinsab fin-nuqqas ta’ kapaċità li tisfrutta u taqsa b’mod sħiħ ir-riżultati ta’ l-R&D u konsegwentement li tikkonvertihom f’valuri ekonomiċi u tas-soċjetà. L-Ewropa m’għandhiex biss tiżviluppa t-tliet kantunieri tat-“**triangolu ta’ l-għarfien**” tagħha (l-

¹ COM(2005) 24, “Naħdmu flimkien għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Bidu Ġdid għall-Istrateġija ta’ Liżbona”, par. 3.3.2.

² COM(2006) 30, “Time to move up a gear: the new partnership for growth and jobs” (Wasal iż-żmien biex ningranaw: is-shubja l-ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi).

³ Ara dokument ta’ Ħidma ta’ l-Istaf tal-Kummissjoni dwar ir-“Riżultati tal-Konsultazzjonijiet Pubbliċi dwar il-Kunċett ta’ Istitut Ewropew tat-Teknoloġija” li ħiereġ.

edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni), imma saħansitra ssaħħaħ il-pontijiet bejniethom. Dan itenni r-riżultati tal-grupp esperti dwar l-R&D u l-innovazzjoni⁴.

F'din id-dijanjożi komuni tidher medda wiesgħa ta' raġunijiet. Fuq in-**naħa tal-provvista** ta' l-għarfien, kemm il-kwalità u kemm wieħed jista' juża r-riżultati ta' l-għarfien huma kkritikati. B'mod partikolari, il-vojt bejn ir-riżultati tar-riċerka u l-applikazzjoni tagħhom għadu wiesa'⁵. Dawn iż-żewġ kwistjonijiet ma jistgħux jittqiesu separatament. Għalkemm il-livell ġenerali tat-tweġġ ta' l-università hu tajjeb, l-Ewropa jeħtieġ aktar eċċellenza vera⁶, minħabba l-impatti ekonomiċi u impatti fis-soċjetà importanti li għandha. Hija tkattar iċ-ċirkolazzjoni ta' talenti, tattira l-investiment privat fl-R&D, u tgħin fis-sejba ta' ideat li kapaċi jipproduċu effetti mifruxa ta' tixrid sekondarju ta' l-għarfien. Imma biex l-eċċellenza twarrad, ir-riċerkaturi jeħtieġ li jkollhom ukoll aċċess għall-ambjenti li fihom l-għażla kif ukoll il-karriera tissejjes fuq il-kompetizzjoni, il-ħlas għar-rendiment ma jkunx tabù, u l-involviment fin-negozju jittqies ħaġa tajba bħala opportunità importanti ta' tagħlim fil-kurrikulum ta' riċerkatur. Dan imbagħad jeħtieġ modi ġodda ta' ħidma flimkien.

Konċentrazzjoni kritika ta' riżorsi umani, finanzjarji u fiżiċi tinhtiegħ biex jinħoloq ċirku ta' fejda li fih fakultà, riċerkaturi u studenti mimlija talent jattiraw kemm lil xulxin u kemm l-ifinanzjament minn setturi privati u pubbliċi. Bħalissa, l-universitajiet fl-Ewropa għandhom ambizzjonijiet simili haħha, iżda l-isofrzi tagħhom huma mxerrda wisq. Hemm kważi 2,000 università fl-UE li jaspiraw li jkunu attivi fir-riċerka. Filwaqt li m'humex komparabbli b'mod sħiħ, inqas minn 10% ta' l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni ogħla fl-Istati Uniti jagħtu lawrji *postgraduate* u saħansitra inqas minn hekk jistqarru li huma universitajiet ta' riċerka intensiva⁷. Minħabba l-livell aktar baxx ta' infiq fl-edukazzjoni u l-R&D fl-Ewropa meta mqabbel ma' l-Istati Uniti⁸, fl-Ewropa hemm aktar parteċipanti li jridu parti minn sehem iżgħar. L-arranġament fl-istati Uniti jwassal għal konċentrazzjoni ta' riżorsi u nies li tilħaq massa kritika f'dawk il-ftit istituzzjonijiet konċernati⁹, u jgħinhom ikunu fost l-aqwa fid-dinja. M'hijiex purament kumbinazzjoni li kemm l-infiq ta' kumpaniji ta' l-UE fuq l-R&D u kemm it-talenti ta' l-UE jinxtorbu mill-Istati Uniti jew kompetituri internazzjonali oħra¹⁰, u li ftit

⁴ “Creating an innovative Europe”, (Noħolqu Ewropa innovattiva) Rapport tal-grupp ta' esperti indipendenti dwar l-R&D u l-innovazzjoni maħtur wara l-*Hampton Court Summit* (Il-Laqgħa Għolja ta' Hampton Court), Jannar 2006.

⁵ Skond il-Punti ta' Innovazzjoni ta' l-2005, id-differenza fl-innovazzjoni bejn l-Ewropa, il-Ġappun u l-Istati Uniti qiegħda tiżdied. L-Ewropa tal-25 jeħtigila aktar minn 50 sena biex tilħaq mal-livell ta' l-Istati Uniti tar-rendiment tagħhom ta' innovazzjoni.

⁶ L-Ewropa jeħtiġilha ssaħħaħ il-preżenza tagħha fil-livell għola ta' eċċellenza xjentifika. Pereżempju, skond l-Elenkar Akkademiku ta' Shanghai ta' l-Universitajiet tad-Dinja, għalkemm fost l-Aqwa 500 ta' l-universitajiet mad-dinja hemm 205 fl-Ewropa (meta mqabbel ma' 198 fl-Istati Uniti), fi ħdan l-Aqwa 20 hemm biss 2 universitajiet Ewropej (meta mqabbel ma' 17 fl-Istati Uniti).

⁷ Minn xi 3300 korp li jagħti l-lawrji fl-Istati Uniti, madwar 215 jagħtu lawrja *post-graduate*. Hemm inqas minn 100 università rikonoxxuta bħala li tagħmel riċerka ġenerali intensiva fl-Istati Uniti.

⁸ Fl-2004, l-intensità ta' l-R&D fl-UE kien 1.90% (Nefqa fuq l-R&D/PGD), ħafna inqas mill-Istati Uniti (2003: 2.59%) u l-Ġappun (2003: 3.15%). Ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa ta' l-Eurostat 156/2005 tas-6 ta' Diċembru 2005.

⁹ Fl-Istati Uniti 95% tal-finanzjament federali tar-riċerka universitarja tintefaq minn kważi 200 università minn total ta' 3300 (Indikaturi S&E, Fondazzjoni tax-Xjenza Nazzjonali, 2004).

¹⁰ L-Ewropa tibbenefika inqas miż-żieda fil-globalizzazzjoni ta' l-R&D mill-kompetituri ewlenin tagħha. Matul is-snin 1997-2002, l-infiq fl-R&D minn kumpaniji ta' l-UE fl-Istati Uniti żdied f'termini reali b'ħafna aktar ħeffa mill-infiq fl-R&D minn ditti ta' l-Istati Uniti fl-UE (+54 % kontra +38 %). Pajjiżi emerġenti bħall-Indja u ċ-Ċina huma daww li jibbenefikaw l-aktar mill-fluss ta' l-R&D mill-Istati Uniti. Ċifri Ewlenin 2005 dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni: Lejn Żona Ewropea ta' l-Għarfien, Kummissjoni Ewropea.

huma l-universitajiet ta' l-UE li jissemmew fil-klassifiki internazzjonali ta' l-universitajiet l-aktar ikkwotati.

Fl-istess waqt, m'hemmx biżżejjed **talba** fl-Ewropa għar-riżultati tar-riċerka. Anki kieku kienu disponibbli prodotti u kapaċitajiet ta' riċerka ta' eċċellenza akbar, huwa improbabli li l-valur kummerċjali tagħhom jiġi sfruttat. Raġuni ewlenija għal din id-dgħjufija huwa l-vojt kulturali u intellettuali bejn ir-riċerkaturi u l-intraprendituri¹¹. L-innovazzjoni teħtieġ proċess ta' tagħlim reċiproku msejjes fuq il-fiduċja, mhux sempliċiment trasferiment ta' għarfien fi tmiem sforz ta' riċerka. F'dan ir-rigward, intraprendituri, speċjalment f'SMEs, jeħtieġ li jiksbu kultura ta' riċerka/innovazzjoni u jitħeġġu jieħdu r-riskji, u akkademiċi u riċerkaturi jeħtieġ li jifhmu u jiżviluppaw ħiliet intraprenditorjali. Aktar kooperazzjoni tista' tikkompensa għan-nuqqas ta' massa kritika ta' l-SMEs u toħroġ minnhom il-potenzjal pożittiv ta' l-SMEs f'dik li hi flessibbiltà u kreattività. Is-settur pubbliku jista' jagħti sehem: ir-riċerka pubblika, id-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali u l-kisba ta' riċerka innovattiva kollha jistgħu jistimolaw relazzjoni aktar effettiva u produttiva bejn ir-riċerka u n-negozju.

Fi snin reċenti medda wiesgħa ta' inizjattivi Ewropej tnediet biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-oqsma tar-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni. Skemi ta' mobbiltà bħall-programm ta' l-Erasmus ippermettew ukoll lil studenti u l-persunal li jġarrbu varjetà ta' kuntesti ta' tagħlim u taħriġ, u esponewhom għall-kobor u d-diversità ta' l-għarfien li jikkarakterizza x-xenarju Ewropew. Il-Programmi ta' Qafas għar-Riċerka tal-Komunità taw kontribut sostanzjali permezz ta' inizjattivi bħall-azzjonijiet Marie Curie, Proġetti Integrati, Networks ta' Eċċellenza, u l-promozzjoni ta' Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija. Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka li jmiss, se jappoġġa r-riċerka fil-fruntieri ta' l-għarfien immexxija minn riċerkaturi nfushom ta' l-aqwa kwalità. Dawn il-kisbiet għenu l-ħolqien ta' kuntest li fih universitajiet, ċentri tar-riċerka, intrapriżi, u parteċipanti pubbliċi ta' l-UE jistgħu jikkollaboraw b'mod aktar faċli.

Imma l-potenzjal għadu mhux sfruttat kollu u l-Ewropa għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fil-parti l-kbira ta' l-oqsma strateġiċi. Dan jista' jiġi solvut billi jinġabru flimkien u jiġu kkonċentrati r-riżorsi: u dan jeħtieġ struttura istituzzjonali dinamika u flessibbli miftuħa għal bidla u nies ġodda, u li kapaċi taħseb għal ħidmiet transdixxiplinari u interdixxiplinari u tiżviluppa sinerġija produttiva bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Din it-tip ta' bidla m'hemmx dubju li se ssir f'organizzazzjonijiet eżistenti, imma se ssib ma' wiċċha inerzja u se tieħu ż-żmien. Hemm bżonn strateġija ġdida għall-mili tal-vojt bejn ix-xjenza u s-soċjetà, biex isservi ta' **mudell ta' referenza** għall-ispirazzjoni u l-gwida ta' bidla fuq il-medda t-twila taż-żmien. Għaldaqstant, saret konsultazzjoni pubblika fuq il-bażi ta' erba' għażliet:

- (1) Istituzzjoni waħda;
- (2) Network;
- (3) Network kbir;
- (4) Skema ta' tikkettar ta' l-EIT.

¹¹ Din id-differenza tidher bejn in-numru ta' riċerkaturi impjegati fis-settur privat fl-UE u bnadi oħra. Fl-Istati Uniti, erba minn ħamsa riċerkaturi qegħdin jaħdmu fis-setturi tal-kummerċ kif ukoll tnejn minn kull tliet riċerkaturi fil-Ġappun. Fl-UE, ftit inqas min-nofs ir-riċerkaturi jaħdmu fis-settur tal-kummerċ.

Filwaqt li kien hemm opinjoni mdaqsa favur netwerk ta' xi tip, kwart minn dawk li wiegħbu riedu istituzzjoni waħda (li ma jfissirx sit wieħed) u intwera tħassib li netwerk stabbilit ta' universtajiet la jista' joffri l-flessibbiltà u ftuħ mehtiegħ la livell suffiċjenti ta' integrazzjoni. La jista' jirrefletti l-fatt li l-eċċellenza sikwit tinsab fid-dipartimenti individwali jew timijiet, u mhux f'universitajiet shah¹².

Il-mudell għal EIT kif deskritta hawnhekk jissodisfa dan it-tħassib: jippermetti għal timijiet aħjar fl-oqsma strateġiċi li jinġiebu flimkien b'mod li t-tnejn li huma u l-istituzzjonijiet oriġinali li jilqgħuhom jibbenefikaw minnha. Huwa se joħloq valur miżjud bi tliet modi:

- Huwa se joffri lis-settur privat relazzjoni ġdida ma' l-edukazzjoni u r-riċerka. Dan se jgħib opportunitajiet ġodda għall-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka u skambju eqreb fiż-żewġ direzzjonijiet. L-integrazzjoni ta' universitajiet, ċentri tar-riċerka u kumpaniji se jagħtih vantaġġ fuq universitajiet organizzati b'mod tradizzjonali. Huwa se jipprovdi wkoll opportunitajiet biex jattira finanzjament privat għall-EIT.
- Huwa se jikkonċentra fuq it-tagħqid flimkien tat-tliet lati tat-trijangolu ta' l-għarfien – l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Huma se jintrabtu b'mod inseparabbli, minħabba l-għamla ta' l-EIT u t-taħlita tiegħu ta' msieħba. Dan se jindirizza t-tagħlim u r-riċerka tiegħu lejn direzzjonijiet ġodda u aktar produttivi industrijalment.
- Huwa se jirrappreżenta konċentrazzjoni ta' riżorsi, u b'hekk ikun kapaċi jilħaq l-oġhla standards miksuba band'oħra. Huwa ma jkollu ebda obbligu li jwettaq azzjonijiet li ma jissodisfawx il-kriterju ta' l-eċċellenza.

3. KIF IKUN JAĦEM L-EIT?

L-EIT se jkollu l-post distint tiegħu. Huwa se jwettaq rwol differenti minn kwalunkwe inizjattiva ta' l-UE eżistenti jew ippjanata. Huwa se jsir ċentru ta' eċċellenza globali ta' profil għoli, kapaċi li jiġbed lejha studenti u riċerkaturi ta' kalibru għoli, li jippromwovi l-aħħar innovazzjoni u riċerka f'oqsma trans u inter-dixxiplinari, u li jikseb finanzjament kompetittiv minn setturi privati u pubbliċi minn madwar id-dinja.

Sabiex jikseb dan, l-EIT għandu jkollu identità qawwija kif kien enfasizzat ukoll fit-tweġibiet għall-konsultazzjoni. L-EIT għandu jsir marka Ewropea ċara u viżibbli li jkollha r-rikonoxximent fuq il-mertu tagħha stess fix-xena dinjija. L-EIT jehtiegħ ukoll awtonomija: permezz ta' l-amministrazzjoni tiegħu, permezz ta' l-aqwa eċċellenza fil-proċessi ta' superviżjoni u valutazzjoni ta' l-għażla, u permezz tal-finanzjament tiegħu.

Il-missjoni ta' l-EIT se tkun li:

- Li toffri edukazzjoni postgraduate, riċerka u innovazzjoni fl-oqsma trans- u inter-dixxiplinari li qegħdin ifeġġu
- Li tiżviluppa riċerka u ħiliet ta' tmexxija ta' innovazzjoni
- Li tiġbed lejha l-aħjar riċerkaturi u studenti mad-dinja kollha

¹² Ara d-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni li hieregħ dalwaqt dwar ir-"Riżultati tal-Konsultazzjoni Pubblika Teknoloġika dwar il-Kunċett ta' Istitut Ewropew".

- Li xxerred mudelli ġodda ta' organizzazzjoni u ta' ggvernar
- Li timmarka l-firxa ta' għarfien b'identità Ewropea ġdida

3.1. Ir-rwol u l-missjonijiet ta' l-EIT

L-attivitajiet ta' l-EIT se jkunu jinkludu t-tliet partijiet kollha tat-trijangolu ta' l-għarfien:

- **l-edukazzjoni:** il-mudell distint ta' l-edukazzjoni ta' l-EIT jkun jiġbed lejha studenti ta' l-MA u kandidati għall-PhD u jkun responsabbli li jagħtihom edukazzjoni fl-oġġla livelli internazzjonali, ippremjata b'lawrja Ewropea ta' l-aqwa kwalità;
- **ir-riċerka:** it-tweġġ ta' attivitajiet ta' riċerka minn riċerka bażika sa riċerka applikata imma ffokata partikolarment fuq l-industrija, b'konċentrazzjoni fuq oqsma transdixxiplinari jew interdixxiplinari b'potenzjal qawwi għall-innovazzjoni;
- **l-innovazzjoni:** l-EIT jiżviluppa mill-bidunett rabtiet qawwija mal-komunità tan-negozju li jiżguraw li l-ħidma tiegħu tkun xierqa għall-ħtiġijiet tas-suq, u tkun tgħin torjenta l-attivitajiet tiegħu ta' riċerka u ta' edukazzjoni f'direzzjonijiet utli għall-ekonomija u s-soċjetà.

F'dawn l-oqsma kollha, l-EIT juża l-eċċellenza fejn din issa teżisti, u jhegġegħ l-iżvilupp tagħha fejn ma teżistix.

Il-*parteċipanti* differenti fl-EIT jieħdu sehem ilkoll f'dan.

- Illum numru żgħir ħafna ta' *universitajiet* fl-Ewropa huma eċċellenti f'kollox. Iżda ħafna dipartimenti jew timijiet huma magħrufa għall-eċċellenza fl-oqsma tagħhom stess. L-EIT jeħles il-potenzjal ta' dawn id-dipartimenti u timijiet billi jgħibhom flimkien. Il-parteċipazzjoni fl-EIT għandha għalhekk tkun f'livell dipartimentali, mhux universitarju.
- Għall-persunal, l-eċċellenza tar-riżultati spiss m'hijiex il-fattur deċiżiv fil-prospetti ta' *pagi jew promozzjoni* għal dawk li jaħdmu f'universitajiet jew ċentri tar-riċerka. L-EIT għandu jipprovdi kuntest xprunat ġenwinament mill-eċċellenza, fejn l-inċentivi jkunu jaqblu ma' l-għanijiet, pagi marbuta mar-rendiment, u li jkun sieħeb ta' l-industrija u mudell għall-bidla aktar effettiv.
- Ħafna *kumpaniji*, partikolarment SMEs, jonqoshom il-kooperazzjoni organizzata ma' l-universitajiet u r-riċerka bir-riżultat li l-intraprendituri u r-riċerkaturi ma jkunux jistgħu jkollhom kultura komuni. L-EIT għandu jipprovdi kuntest li fih it-tnejn jingħaqdu u jiżviluppaw fehim reċiproku.

Din il-konċentrazzjoni fuq l-eċċellenza teħtieġ strateġija ġdida għal *finanzjament*. Illum bosta mill-universitajiet fl-Ewropa huma essenżjalment servizzi pubbliċi. Huma ffinanzjati fil-biċċa l-kbira minn dawk li jħallsu t-taxxa u ġeneralment jinvolvu impenn finanzjarju limitat minn xi parti interessata oħra. Għalkemm universitajiet bħal dawn ippruvaw l-ħila tagħhom u se jissoktaw iżommu r-rwol tagħhom, l-EIT għandu jkun differenti b'mod ċar: mill-bidunett huwa għandu jitwaqqaf b'mod li jirċievi kemm finanzjament mis-settur pubbliku u kemm mis-settur privat.

Bażi ta' appoġġ bħal dan se tkun ċentrali għal żewġ miżuri kruċjali għas-suċċess ta' l-EIT. L-ewwelnett, il-kapaċità tiegħu li jikkonvinċi lis-settur privat li huwa jista' jipproduċi riżultati ta' relevanza kummerċjali. It-tieninett, kemm l-universitajiet u dawk li jfasslu l-politika jadottaw il-mudell EIT bħala struttura organizzattiva ġdida ta' suċċess għall-universitajiet.

3.2. L-istruttura ta' l-EIT

Il-qalb xjentifika ta' l-EIT se tkun fil-ħidma tiegħu fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni, u fil-kapaċità tiegħu li jintegra l-kontributi minn imsieħba differenti u jibnihom fi struttura unika li tkun akbar mis-somma tal-partijiet tagħha. Huwa se jagħmel dan permezz ta' serje ta' sħubijiet integrati ma' universitajiet, ċentri tar-riċerka u kumpaniji eżistenti ('organizzazzjonijiet imsieħba'), u joħloq dawk li jistgħu jiġu deskritti bħala "komunitajiet ta' l-għarfien". Dawn se jkunu xjentifikament indipendenti. Huma jkunu magħżula mill-Bord ta' l-Amministrazzjoni ta' l-EIT u jirrispondu lilu. Differenza fundamentali bejn 'network' ordinarju u dawn il-komunitajiet ta' l-għarfien hija li filwaqt li f'networks ordinarji, l-imsieħba sempliċiment jaqblu li jikkooperaw, fil-komunitajiet ta' l-għarfien ta' l-EIT, huma jissekondaw riżorsi – infrastruttura, persunal, tagħmir – lill-EIT. Il-komunitajiet ta' l-għarfien huma nnifishom legalment parti mill-EIT.

3.2.1. Il-Bord ta' l-Amministrazzjoni ta' l-EIT u n-nukleu ċentrali

L-amministrazzjoni ta' l-EIT trid tlaqqa' id haġifa ma' gwida ċerta. Hija se tkun responsabbli għall-'marka' EIT – biex tiżgura li l-għażliet magħmula (pereżempju, dwar l-oqsma ta' ħidma) jirriflettaw l-aħjar perspettiva disponibbli dwar xjenza u negozju; li l-għażliet jissejju fuq il-kwalità; u li l-aġenda xjentifika/ta' negozju tiegħu tkun aċċettata b'mod wiesa'. Il-Bord ta' l-Amministrazzjoni għandu jkun ta' l-oġġla kalibru u fformat minn fost il-parteċipanti msemmija fit-Taqsima 3.1. hawn fuq.

Huwa m'għandux jimmira li jkun jirrappreżenta l-istituzzjonijiet Ewropej u għandu jkun organizzat b'mod li jkun ibbilanċjat f'termini ta' esperjenza rappreżentata, u operazzjonali fil-mod kif jaħdem. Huwa għandu jkollu responsabbiltà diretta:

- għall-iffissar tal-prijoritajiet strateġiċi għall-attivitajiet ta' l-EIT;
- għall-amministrazzjoni tal-baġit ċentrali u l-allokazzjoni tar-riżorsi lill-komunitajiet ta' l-għarfien;
- għall-garanzija ta' eċċellenza fi ħdan l-EIT;
- għall-organizzazzjoni ta' l-għażla, is-superviżjoni u l-valutazzjoni tal-komunitajiet ta' l-għarfien;
- għas-superviżjoni strateġika ta' l-għarfien/portafolli ta' IPRs.

3.2.2. Il-komunitajiet ta' l-għarfien

Il-komunitajiet ta' l-għarfien ikunu jikkonsistu minn dipartimenti jew timijiet minn universitajiet, ċentri tar-riċerka jew kumpaniji li jinġabru flimkien bħala msieħba integrati biex iwettqu flimkien attivitajiet ta' edukazzjoni *post-graduate* (jiġifieri, livelli MA u PhD biss), attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Huma ser jiġbru flimkien riżorsi ta' tipi differenti: persunal u infrastruttura ssekondati mal-komunitajiet ta' l-għarfien mill-organizzazzjonijiet msieħba u riżorsi finanzjarji minn sorsi pubbliċi u privati. Huma se jużaw dawn ir-riżorsi biex

joħolqu massa kritika ta' livell għoli u biex jiġbru flimkien eċċellenza fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tagħhom stess. Ir-riżorsi fiżiċi ser jibqgħu mxerrdin ġeografikament, iżda l-komunità ta' l-għarfien ser taħdem bħala waħda integrata b'mod sħiħ.

Komunitajiet ta' l-għarfien se jispeċjalizzaw f'oqsma transdixxiplinari, bħall-mekatronika jew il-bijo-informatika, jew oqsma interdixxiplinari bħall-enerġija haċċa, bidliet fil-klima, eko-innovazzjoni jew soċjetà li dejjem tixjieħ. Oqsma bħal dawn għandhom l-akbar potenzjal għall-innovazzjoni u l-iżvilupp (fl-edukazzjoni u r-riċerka), u huma wkoll distinti mill-format u l-kurrikulum tradizzjonali offrut b'mod mifrux minn universitajiet Ewropej.

Komunitajiet ta' l-għarfien għandhom jintgħażlu mill-bord ta' l-Amministrazzjoni ta' l-EIT wara proċess kompetittiv imsejjes fuq valutazzjoni minn oħrajn ta' l-istess livell, biex jiġi identifikat il-potenzjal ta' kull sħubija proposta li tagħti r-riżultati fil-qasam tagħha fi żmien medju ta' minn 10 sa 15-il sena. Malli tintgħażel, kull komunità ta' l-għarfien għandha tiftiehem mal-Bord ta' l-Amministrazzjoni dwar l-għanijiet u l-miri preċiżi li jkopru t-tliet lati tat-trijangolu ta' l-għarfien fl-attività tiegħu; superviżjoni u valutazzjoni regolari jiżguraw li dawn qed jintlaħqu.

Matul il-ħajja tagħha, komunità ta' l-għarfien tista' tiżviluppa b'numru ta' modi: trid tinbena l-flessibbiltà fis-sistema nnifisha. Għandha mnejn teħtieġ kapaċità ġdida, forsi minħabba li l-oqsma ta' ħidma li jridu jiġu żviluppati u msieħba ġodda jistgħu jgħibu eċċellenza ġdida, forsi minħabba li n-numru ta' studenti jikber b'mod li jisboq ir-riżorsi tagħha. Komunità ta' l-għarfien tista' wkoll tiddiversifika, minħabba li xi żviluppi jkunu haċċa l-ħidma tagħha f'direzzjonijiet mhux mistennija. Il-komunitajiet ta' l-għarfien għandhom jibqgħu dinamiċi, u l-EIT għandu jkun kapaċi jwieġeb għall-iżviluppi xjentifiċi kif ikun maħsub l-aħjar, inkluż billi jippermetti bidliet fl-isħubija, billi jaġġusta l-arranġamenti finanzjarji jew billi jalloka aktar fondi fejn dan ikun ġej minn sforz għall-eċċellenza.

Fl-istadji kollha, il-Bord ta' l-Amministrazzjoni għandu jikkontrolla s-superviżjoni u l-valutazzjoni tal-komunitajiet ta' l-għarfien fid-dawl ta' parametri preċiżi.

3.3. Kwistjonijiet legali

It-twaqqif ta' l-EIT ikun jeħtieġ l-adozzjoni ta' strument legali, li l-Kummissjoni se tipproponi aktar tard fl-2006. Dan l-istrument legali għandu jwaqqaf l-EIT u jiffissa l-għanijiet tiegħu kif ukoll jipprovdi għall-arranġamenti ta' tħaddim tiegħu.

Aspetti oħra jixirqilhom attenzjoni partikolari u se jiġu żviluppati fix-xhur li ġejjin: il-bilanċ bejn il-kontabbiltà u l-indipendenza meħtieġ biex jippermetti lill-EIT li jamministra l-ħidma ewlenija tiegħu: l-istatus tal-persunal jeħtieġ li jkun ċar u komuni għall-komunitajiet ta' l-għarfien kollha u għan-nukleu ċentrali: l-amministrazzjoni u l-użu kummerċjali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali li tirriżulta minn riċerka konġunta: u fl-aħħarnett, l-integrazzjoni legali tal-komunitajiet ta' l-għarfien fl-EIT u l-inċentivi u l-arranġamenti ta' madwaru, se jehtieggu attenzjoni partikolari.

3.4. Baġit

In-nefqa ewlenija ta' l-EIT se tkun fuq il-komunitajiet ta' l-għarfien tiegħu. Il-finanzjament meħtieġ għall-Bord ta' l-Amministrazzjoni u n-nukleu ċentrali se jkun relattivament baxx, minħabba li se jinżamm ħafif. Filwaqt li fil-bidu se jkun meħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament pubbliku sostanzjali tan-nukleu, hekk kif il-komunitajiet ta' l-għarfien jiżviluppaw, l-EIT

huwa mistenni li jikseb riżorsi ta' finanzjament minn sorsi kompetittivi Komunitarji u nazzjonali kif ukoll minn negozji, fondazzjonijiet, miżati eċċ. Se jkun hemm l-għan li jiġi attirat finanzjament addizzjonali, marbut ma' miri, f'kull ftehim bejn l-EIT u sħubija ma' komunità ta' l-għarfien.

Il-kontribuzzjonijiet privati għandhom jaslu lill-EIT fi tlett modi. L-ewwel, il-kumpaniji privati li jagħmlu parti mill-komunitajiet ta' l-għarfien ser jissekondaw mill-bidunett ir-riżorsi lill-EIT bħall-imsieħba l-oħra. It-tieninett, il-komunitajiet ta' l-għarfien li juru eċċellenza se jirbħu l-kuntratti mill-kumpaniji privati, pereżempju għal taħriġ jew riċerka. Fl-aħħarnett, l-EIT tista' tmexxi Fondazzjoni privata, biex tiġbor kontribuzzjonijiet minn sponsors u fondazzjonijiet oħra.

L-istrument legali li jwaqqaf l-EIT għandu jiġi adottat sa l-2008. Għaldaqstant, il-Bord ta' Governanza għandu jkun maħtur flimkien ma' l-ewwel staff. Minn hemm 'l hemm, l-ewwel identifikazzjoni tal-komunitajiet ta' l-għarfien għandha ssir sa l-2009, sabiex l-ewwel nefqa sostanzjali sseħħ sa l-2010. Ikun xieraq li jingħata bidu inizjalment b'numru żgħir ta' komunitajiet ta' l-għarfien.

L-iskeda ta' hawn fuq tissuġġerixxi li l-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-EIT ikunu kkonċentrati lejn l-aħħar tal-perjodu tal-Perspettivi Finanzjarji li ġejjin, u se jkunu limitati. Waqt it-tressiq tal-proposta legali tagħha, il-Kummissjoni se tippreżenta anness finanzjarju dettaljat li jistabbilixxi l-volum, l-għamla u l-oriġini tal-finanzjament globali meħtieġ, inkluż minn sorsi ta' l-UE, nazzjonali jew privati.

4. X'JIEĦU MILL-PARTEĊIPAZZJONI MSIEĦEB FL-EIT?

Ikun raġonevoli li wieħed jistaqsi jekk l-inċentivi għall-partiċipazzjoni humiex biżżejjed. L-għan huwa li msieħba potenzjali jissekondaw l-aqwa timijiet u dipartimenti tagħhom ma' l-EIT: X'inċentivi għandhom u x'se jieħdu lura?

Profitt minn dan l-'investment' se jkun ta' suriet differenti għall-imsieħba u l-individwi involuti. Għar-riċerkaturi u l-edukaturi, l-esperjenza turi li l-aħjar riċerkaturi u edukaturi jattirawhom l-indipendenza fir-riċerka, il-prospettivi promettenti fil-karriera, salarji tajbin kif ukoll kondizzjonijiet ta' xogħol vantaġġużi. Il-profitti jistgħu għalhekk ikunu finanzjarji, jew relatati ma' ħelsien mill-burokrazija, jew faċilitajiet ta' xogħol eċċellenti. Huma jkunu jinkludu wkoll assoċjazzjoni ma' l-aħjar riċerkaturi u kumpaniji fil-qasam tagħhom fl-Ewropa, u r-riżultat li jkunu akkademikament aktar viżibbli.

Għall-organizzazzjonijiet imsieħba fir-riċerka u l-edukazzjoni, hemm firxa ta' profitti potenzjali.

- viżibbiltà u attrazzjoni: il-fatt li jkunu kkontribwew tim fl-EIT jkun jindika eċċellenza, u jkun fattur meqjus fir-reklutaġġ għal akkademiċi, xjentisti u studenti oħrajn, kif ukoll punt li jgħin il-bejgħ *vis-à-vis* negozju.
- relazzjoni privileġġata ma' l-aqwa ħidma f'qasam partikolari fl-Ewropa, u aċċess għall-istudenti u r-riċerkaturi għall-aqwa mħuħ, l-aqwa taġħlim, l-aqwa taħriġ u l-aqwa riċerka – kif ukoll għall-benefiċċji addizzjonali disponibbli permezz ta' prestazzjoni fi ħdan l-EIT.

- tixrid sekondarju ta' għarfien, kemm dirett (jiġifieri, impatt fuq xogħol relatat li jkun baqa' fi ħdan organizzazzjoni msieħba) u indirett (permezz ta' aċċess għal għarfien aktar avvanzat fil-qasam; impenn għat-tixrid se jkun parti minn kull ftehim ta' komunità ta' l-għarfien ma' l-EIT).
- inċentivi finanzjarji, l-EIT se jkun jista' jinvesti fil-bini ta' kapaċità f'organizzazzjonijiet imsieħba biex jgħin sabiex jinbnew mill-ġdid ir-riżorsi ssekondati lill-EIT (sabiex università imsieħba ma jkollhiex biss id-dipartiment ta' qabel tagħha jew tim li għadu preżenti fiżikament u li jikkontribwixxi, minkejja b'mod anqas dirett, għax-xogħol akkademiku; ikollu wkoll riżorsi supplimentari disponibbli għal allokkazzjoni mill-ġdid jew bini ta' kapaċità); u l-imsieħba ser jaqsmu wkoll fil- IPRs tal-komunità ta' l-għarfien.
- dinamika għall-bidla, billi l-EIT se jintroduċi l-imsieħba għal metodi ġodda ta' xogħol.
- benefiċċji lokali, billi l-partijiet interessati lokali (gvernijiet reġjonali, negozji) jaraw l-involvement fl-EIT bħala prestiġjuż, u bħala opportunità li titrawwem l-aġenda lokali ta' l-għarfien u titħeġġeġ kooperazzjoni aħjar ma' l-università jew il-kumpanija kkonċernata.

U għas-settur privat, hemm il-profitti li tiġi influwenzata d-direzzjoni ta' l-aħħar riċerka u innovazzjoni b'effett kummerċjali – billi jkollu ħjiel minn ġewwa minn ta' l-ewwel bil-garanzija li jkun jista' jisfrutta r-riżultati aktar 'il quddiem. Barra minn hekk, ir-relazzjoni kontinwa ma' l-EIT inkluż mal-komunitajiet ta' l-għarfien tiegħu tipprovdi aċċess dirett għal ċentru uniku ta' eċċellenza, bil-prestiġju u l-potenzjal ta' reklutaġġ li jsegwi.

5. IR-RELAZZJONI MA' ATTIVITAJIET EDUKATTIVI, TA' RIĊERKA U INNOVAZZJONI TA' L-UE

L-UE għandha varjetà ta' attivitajiet edukattivi, tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni. Iżda l-EIT jagħmel xi ħaġa deċiżament differenti. L-ewwelnett, il-profil ta' l-eċċellenza Ewropea żviluppat mill-EIT bħala korp permanenti se jkun uniku. It-taħlita ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni u r-rabta privileġġata mal-komunità tan-negozju m'hemmx bħalhom f'inizjattivi oħra tal-Komunità. Filwaqt li programmi eżistenti jikkonċentraw fuq l-elementi individwali tat-trijangolu ta' l-għarfien (il-Programm Erasmus huwa dwar l-edukazzjoni; il-Programmi ta' Qafas huma dwar ir-riċerka; u l-Programm ta' l-Innovazzjoni tal-Komunità huma dwar attivitajiet relatati ma' l-innovazzjoni), l-EIT se jadotta attitudni Prattika billi jgħaqqad dawn it-tliet elementi u jikseb sinerġiji bejniethom.

L-EIT se jkun operatur ta' l-għarfien, mhux aġenzija tal-finanzjament. Huwa se jwettaq attivitajiet madwar it-tliet partijiet tat-trijangolu ta' l-għarfien – se jħarreġ, jagħmel ir-riċerka, u jfittex li japplika r-riżultati ta' dik ir-riċerka għal skopijiet kummerċjali jew għas-soċjetà. Dik hija d-differenza reali bejnu u bejn l-attivitajiet imwettqa taħt programmi ta' edukazzjoni, riċerka jew innovazzjoni, fejn il-Kummissjoni essenzjalment tqassam fondi għal diversi attivitajiet definiti minn qabel.

L-EIT huwa għalhekk komplementari għal dawn l-attivitajiet ta' finanzjament. Ser ikollu l-ħila jiżviluppa sinerġiji, b'mod partikolari mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka. L-ERC huwa mekkaniżmu għall-finanzjament, li ma jwettaqx riċerka huwa stess. Hu se jiffinanzja proġetti ta' riċerka fil-fruntieri ta' l-għarfien imwettqa minn timijiet individwali, se jkun miftuħ għall-oqsma kollha tax-xjenza, bl-użu ta' metodu minn isfel għal fuq. L-EIT, bħala istituzzjoni li taħdem fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni fuq bażi interdixxiplinari u

transdixiplinari, b'enfażi qawwija fuq riżultati ekonomiċi u fuq is-soċjetà jipprovdi l-parti operattiva li l-ERC ma tipprovdi. Huwa jista' japplika għall-finanzjament taħt l-ERC (u taħt l-iskemi ta' finanzjament l-oħra kollha); iżda m'għandux ikollu aċċess preferenzjali.

Hemm ukoll differenza ewlenija bejn il-komunitajiet ta' l-għarfien u networks oħra fl-Ewropa maħluqa bl-appoġġ ta' l-UE – bħal m'huma n-networks ta' l-eċċellenza tas-6 Programm ta' Qafas. Filwaqt li n-networks ta' l-eċċellenza jinvolve numru ta' universitajiet u istituzzjonijiet ta' riċerka oħrajn li jintegraw l-ħiliet ta' riċerka tagħhom, l-EIT jinvolve livell ta' integrazzjoni ħaqqa aktar profond ta' ħiliet ta' riċerka u ta' edukazzjoni. Fl-EIT, l-istituzzjonijiet u l-kumpaniji involuti fil-komunitajiet ta' l-għarfien se jkollhom jissekondaw riżorsi lill-EIT: huma se jieqfu milli jagħmlu parti mill-organizzazzjoni li ħaqqa minnha, u se jsiru legalment parti mill-EIT. Il-persunal f'komunità ta' l-għarfien se jkollu sistema komuni ta' amministrazzjoni u proċess ta' valutazzjoni bbażat fuq ir-rendiment – taħt id-direzzjoni ta' l-EIT.

6. KONKLUŻJONI

L-aġenda ta' l-immodernizzar għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-universitajiet u r-riċerka Ewropej hija aċċettata sew. Imma teħtieġ l-imbuttatura ta' inizjattivi ta' xempju qawwi biex tħaffef il-progress. L-EIT waħdu ma jistax ikun l-istrateġija sħiħa li tgħolli l-kompetittività Ewropea fit-trijangolu ta' l-għarfien, imma jista' jkollu sehem importanti. Huwa jista' jipprovdi mudell ta' eċċellenza ta' livell għoli li jwieġeb għad-diversità ta' l-Ewropa nnifisha, jista' jikkontribwixxi biex itejjeb il-kapaċitajiet ta' l-immaniġġjar fix-xjenza u r-riċerka, biex b'hekk itejjeb il-proċess ta' innovazzjoni fi ħdan l-Ewropa. Huwa jista' jipprovdi destinazzjoni għall-ogħla gradwati u kandidati għad-dottorat Ewropej u mhux Ewropej u jsir attrazzjoni għat-talent globali lejn l-Ewropa.

L-EIT mhux se jikseb il-kredibbiltà akkademika u fir-riċerka mil-lum għal għada. Huwa jrid jikseb dik il-kredibbiltà; kollox ikun jiddependi fuq il-kwalità ta' l-amministrazzjoni tiegħu, il-persunal tiegħu xjentifiku u tat-tagħlim u fuq il-kisbiet u r-riżultati tagħhom, kif ukoll fuq il-kapaċità li jikseb l-appoġġ minn barra d-dinja akkademika. L-ewwel Bord ta' l-Amministrazzjoni u treġija ta' l-EIT se jiffissa l-aġenda u t-ton ta' l-EIT għal tul ġenerazzjoni.

Il-proċess ta' konsultazzjoni wera li EIT strutturat skond il-linji msemmija hawn jista' jagħti valur miżjud qawwi lill-isforzi ta' l-Ewropa li ssaħħaħ l-għarfien u ġġib it-tkabbir fl-Ewropa.

Din il-Komunikazzjoni toffri mudell sabiex jiġi żviluppat EIT. Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill Ewropew biex jikkunsidra l-elementi ppreżentati hawnhekk u biex jaqbel dwar l-importanza ta' din l-inizjattiva. Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-passi li jmiss imsejsa fuq valutazzjoni sħiħa ta' l-impatt imwessgħa biex tinkludi eżami sħiħ ta' l-implikazzjonijiet legali u finanzjarji. Dan ikun pass għdid għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni temmen, madankollu, li dan huwa pass li l-Ewropa kapaċi tagħmlu, u wieħed li l-Ewropa ma tistax tgħaddi mingħajru.